MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 727/2014

**Falzon John u Censina sive Innocenza Falzon**
**ID. 143462M u ID. 202363M**

**Vs**

**Redeemer Degiorgio u Raissa Cachia**
**ID. 435293M u ID. 239793M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2014 fejn l-atturi talbu illi jitolbu bir-rispett li dan it-Tribunal jogghbu jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejnithom sabiex ihallsu lill-istess atturi s-somma ta' elf mitejn u disa' u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,239.68) dovuti kwantu ghal erba' mitt ewro (€400) arretrati ta' kera tal-fond 86 u 87, Triq San Bazilju, Mqabba, skond kuntratt ta' kiri datat 30 ta' Gunju, 2014 liema kuntrat kien terminat qabel iz-zmien mill-istess konvenuti, kwantu ghal sebgha u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€67.68) prezz tas-servizzi tad-dawl u l-ilma fl-istess fond u l-bilanc ta' seba' mija

tnejn u sebghin ewro (€772) hsarat u Danni kagunati mill-konvenuti lill-atturi fl-istess fond.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legal ital-5 ta' Settembru, 2014, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezenti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li jibqghu ingunti minn issa biex jidhru in subizzjoni.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fil-21 ta' Frar, 2015 fejn eccepew illi fl-ewwel lok, l-inkompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal sabiex jillikwida kwalunkwe danni allegatament kommessi mill-konvenuti fil-fond tal-atturi.

Fit-tieni lok, ma hemm ebda arretrati ta' kera dovuti lill-atturi stante illi tali kera dovuta ghaz-zmien limitat illi matulu l-konvenuti rresjedew fil-fond tal-atturi kien soicat bi ftehim ma' l-istess atturi mal-benefikati illi saru mill-konvenuti fis-sistema ta' l-ilma fil-fond in kwistjoni kif ukoll benefikati ohra u l-ghamara illi thalliet fl-istess fond.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehdu l-partijiet. L-attur spjega illi kien kera post lill-konvenuti. Il-ftehim kien illi l-konvenuti jibdew ihallsu l-kera izda imbaghad din tinqaleb f'xiri u l-konvenuti jixtru l-propjeta' minghand l-attur. Dan ma sehhx u ftit wara lib diet il-kirja l-konvenuti telqu mill-post.

Il-konvenut spjega illi hu kien dahal fil-post u deda jirranga fih biex jibqa' jghix hemm. Gara pero illi tkecca mix-xoghol u ma kellhomx flus biex ihallsu l-kera u telqu mill-post.

l-attur allega illi l-konvenuti hallew hafna hmieg warajhom u hsara fil-post. Pero rrizulta illi l-hmieg sabuh il-konvenuti meta dahlu fil-post peress illi kien ilu snin twal maghluq. L-attur talab ukoll kumpens ghall-hsarat illi saru meta l-konvenut qaxxar il-hitan u beda jirranga fil-post.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda huwa tal-fehma illi l-konvenuti ghandhom ihallsu biss xahar kera, l-ammont ta' sebgha u sittin

ewro u tmienja u sittin centezmu (€67.68) tal-konsum tad-dawl u ilma, kif ukoll l-ammont ta' mitt ewro (€100) sabiex jitnaddaf il-post peress illi l-hmieg li hallew warajhom ma kienx kollu taghhom izda kien hemm imbarraz illi sabuh hemm. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' is-somma kollha mitlubha mill-attur sabiex jigi sbarazzat il-post.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tliet mija sebgha u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€367.68) u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu bejnithom din is-somma lill-attur.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu nofs jithallas mill-attur u nofs jithallsu mull-koventui.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------